BIRŻEBBUĠA

"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD** (*) *Nota*: Fejn hu ssinjalat trid tittiehed azzjoni

**Minuti tal-laqgħa numru 07/09 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 22 ta' Lulju 2009 fil-5.30pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## ***AĠENDA -1***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 06/09 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u B.Pace issekondat mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***AĠENDA -2***

*01/07* - Is-Sur E.Balzan ressaq talba quddiem il-Kunsill sabiex jinħariġlu permess għal *meter* temporanju ħalli jkun jista' jarma l-kjosk tal-ikel tiegħu f'Dawret Il-Qalb Imqaddsa ħdejn il-Monument ta' Gorbachev. Peress li hija l-*policy* tal-Kunsill li permessi għal kjosks temporanji jinħarġu biss għal ġimgħa tal-festa, il-Kamra ma laqgħetx it-talba tas-Sur Balzan.

*02/07* - Tressqet talba għal *sponsorship* sabiex jiġi ppubblikat ktieb li nkiteb mis-Sur J.Galea bl-isem ta' 'Belt ta' Qalbi Bint il-Ħlewwa' li jitratta dwar l-Isla. Għalkemm il-Kunsill jaqbel fil-prinċipju fil-preżent m'huwiex f'pożizzjoni li jagħti *sponsorships*.

*03/07* - Il-Kunsillier J.Borg, *Chairman* - Żgħażagħ u Għaqdiet Filantropiċi, ippropona żagħżugħ mil-lokal li qiegħed jistudja l-politika sabiex jieħu sehem fil-parlament taż-żgħażagħ. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva u li l-Kunsill għandu jħallas is-somma ta' €30 sabiex dan iż-żagħżugħ ikun jista' jattendi għal din l-attivita'.

*04/07* - Ir-Radju tal-Komunita' 'Energy FM' bagħat ittra sabiex ifakkar lill-Kunsill li ż-żmien li kellu mħallas għar-reklamar fuq l-istazzjon ser jiskadi fil-31 ta' Lulju 2009 u għalhekk qed joffri l-istess servizz (01/08/09 - 31/07/10) għas-somma ta' €950. Il-Kamra qablet li dan is-servizz hu ta' bżonn kbir u għalhekk approvat li dan is-servizz jiġi mġedded.

*05/07* - L-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġa qed taħseb biex jinstallaw *cameras* ta' sigurta' madwar il-Bajja ta' San Ġorġ u fil-parkeġġ ħdejn l-Alfresco minħabba li qiegħed isir ħafna serq minn fuq dgħajjes u karozzi. Huma qed jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill u wkoll *sponsorship* ta' €400 għal erba' arbli tal-ħadid biex jitwaħħlu l-*cameras* magħhom. Il-Kunsill qabel unanimament li dawn il-*cameras* huma bżonnjużi u għalhekk lest li jħallas dawn l-arbli bil-kundizzjonijiet li : (a) l-arbli jibqgħu proprjeta' tal-Kunsill, (b) il-Kunsill ikollu dritt għal kull informazzjoni u *recordings* minn dawn il-*cameras* u (c) il-Kunsill ikun infurmat b'kull inċident li jseħħ.

*06/07* - Tressqet talba mis-Sur Sarcia sabiex jintrama *Bouncing Castle* fuq ir-ramla tal-Bajja s-Sabiħa matul ix-xahar ta' Lulju u Awwissu (is-Sibt u l-Ħadd). Il-Kamra qablet ma' din it-talba bil-kundizzjoni li jkollu l-permessi kollha meħtieġa u ser tindika s-sit fejn dan il-*Bouncing Castle* għandu jintrama.

*07/07* - L-ETC sejra tibda tħaddem skema sabiex toffri programmi ta' tagħlim b'xejn fil-Malti, Ingliż, *Basic Skills* u *Empowerment Skills for Women*. L-obbligu tal-Kunsill hu li jipprovdi post mgħammar bis-siġġijiet u l-imwejjed fejn jistgħu jiġu mgħallma dawn il-korsijiet għar-residenti. Kulħadd qabel li għandna noffru dawn il-korsijiet.

*08/07* - Is-Soċjeta' Filarmonika San Pietru, Banda Birżebbuġa AD 1990 qegħdin jitolbu permess sabiex nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Lulju 2009 f'Misraħ Il-Knisja jinħarqu murtali tal-karti akkumpanjati mal-mużika. Huma lesti li jidħlu responsabbli sabiex inaddfu eżatt wara l-programm mużikali. Fuq *policy* tal-Kunsill il-Kamra ma laqgħetx din it-talba.

***AĠENDA -3***

B.Pace infurmat lill-Kamra li l-ewwel kors għaż-żgħażagħ ġewwa Bucharest li kien approvat f'Seduta Nru. 02/09, 'SOS Traditional Values', ser isir mis-7 sat-13 ta' Awwissu '09 filwaqt li t-tieni kors 'Sports Alternative for Healthy Life' ser isir mis-17 sat-23 ta' Awwissu '09. Infurmat ukoll lill-Kamra bid-dettalji tal-programmi li ġew iffinanzjati mill-EU. Il-Kunsill qabel li jħallas 30% tal-passaġġ li m'huwiex iffinanzjat mill-EU lill-Kunsilliera B.Pace kif ukoll qabel li għat-tielet kors, li għad m'għandniex dettalji tiegħu, minflok B.Pace ser tattendi s-Segretarju Eżk. sabiex tinforma ruħha u jkollha esperjenza kif jiġu organizzati attivitajiet bħal dawn. F'dawn il-korsijiet ser inkunu qed nippromovu wkoll il-lokalita' tagħna għaliex iż-żgħażagħ li ser jattendu għal dawn il-korsijiet ser itellgħu preżentazzjoni fuq Birżebbuġa.

***AĠENDA -4***

Il-Kamra ddiskutiet l-ispeċifikazzjonijiet ta' tlett *tenders* li ser tinħareġ sejħa pubblika għalihom :

a) Ġbir ta' Skart bieb, bieb
b) Ġbir ta' Skart Goff
c) Tindif ta' postijiet mhux urbani

Il-Kamra qablet li għandha tinħareġ sejħa pubblika għal dawn is-servizzi.

***AĠENDA -5***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* tagħhom għax-xahar ta' Lulju '09. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €45869.84 titħallas skond Skeda Nru. 07/09.

***AĠENDA -6***

1. R.Zahra irrimarka li hemm bżonn ta' *dustbins* fi Triq Il-Qajjenza, tisqija fit-Teatru Grieg u qtugħ ta' ħaxix f'Wied Il-Qoton.

2. S.Cuschieri irrimarkat li hemm bżonn ta' tindif fi Triq Għar Ħasan, kif ukoll li hemm bżonn li jsiru *dustbins* fl-istess triq.
3. Is-Sindku, fakkar lill-Kamra fuq il-proposta ta' l-Onor. Dr.Chris Said dwar il-kwistjoni li hemm bejn l-Enemalta, l-Kunsill u Nexos Street Lighting Ltd. Il-Kamra qablet li taċċetta din il-medjazzjoni bis-segwenti kundizzjonijiet :-

    a) Il-Kunsill iħallas il-kont pendenti mal-kuntrattur - Nexos Street Lighting Ltd.

    b) Il-manutenzjoni tal-lampi ma' l-arbli tibqa' fir-responsabilta' tal-Enemalta.

    c) Li l-Kuntrattur, Nexos Street Lighting Ltd, iwaqqaf il-kawża li fetaħ il-Qorti kontra l-Kunsill Lokali Birżebbuġa.

4. T.Roberts informa lill-Kamra dwar Seminar li attenda rigward servizz ta' WI-FI għal komunita' organizzat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-Malta Communication Authority. L-apparat jiġi ipprovdut lill-Kunsill b'xejn fuq depożitu ta' €100. Il-Kunsill irid iħallas €300 fis-sena għas-servizz tal-WI-FI. L-apparat jitwaħħal f'sit pubbliku fejn in-nies ikunu jistgħu jużaw is-servizz. Il-Kamra qablet ma' din l-inizjattiva pero' tixtieq aktar informazzjoni qabel ma tikkommetti ruħha.

5. J.Borg irrimarka li fi Triq Iż-Żibra hemm bżonn li titranġa l-bankina bejn 24 u 28 minn fejn tneħħa arblu tad-dawl. Ippropona wkoll li jitneħħew id-*dustbins* tal-landa mill-Bajja s-Sabiħa.

6. Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-kwotazzjonijiet għal bdil ta' l-*aircondition* tas-Sala.

    | | |
    |---|---|
    | Tenderer No. 1 - ASL - | Option 1 - €1798 |
    | | Option 2 - €1325 |
    | Tenderer No. 2 - David Schembri - | € 2140 |
    | Tenderer No. 3 - Charles Cutajar - | Option 1 - €2679 |
    | | Option 2 - €1863 |

    Intgħażel kuntrattur Nru. 1 - ASL - Option 2 għal prezz ta' €1325 peress li kellu l-orħos offerta.

7. Tressaq fuq il-mejda tal-Kamra r-rapport finanzjarju li jkopri l-attivita' ta' 'Jum L-Omm' li saret nhar it-8 ta' Mejju 2009 fejn id-dħul kien ta' €1625 u l-ħruġ kien ta' €1642. Għaldaqstant il-Kamra approvat diskrepanza ta' €17.00.

8. Il-Kamra ġiet infurmata li :-

    a) L-applikazzjoni għat-tisbiħ tar-*roundabout* fi Triq San Ġorġ, PA 05702/08, ġiet approvata mill-MEPA u għaldaqstant il-proġett iffinanzjat mill-U.I.F., dak ta' kostruzzjoni ta' bankini fi Triq Birżebbuġa (mill-kantuniera ta' Triq Il-Brolli sa' ħdejn il-latrini pubbliċi fi Triq Għar Dalam ) u Triq In-Noqra inkluż it-tisbiħ tar-*roundabout* fi Triq San Ġorġ imminenti li jibda.

    b) L-applikazzjoni għal fondi ta' l-EU, 'Youth in Action Programme 2009 measure 1.2' bit-titlu 'EduSport and a Clean Environment for a Healthy Lifestyle' ma ġietx approvata minn naħa tal-EUPA pero' ser nerġgħu napplikaw għall-istess proġett biex jiġi attwat is-sena d-dieħla.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa. Seduta oħra ser issir nhar it-Tlieta, 18 ta' Awwissu 2009 fil-5.30pm. .
.

| | |
|---|---|
| .......................................... | ............................................... |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

| **Schedule of Payments 07/09** | | | |
|---|---|---|---|
| | **Period 01/07/2009 till 31/07/2009** | | |
| **Cheque** | **To** | **For** | **Amount Euro** |
| 7368 | Gold Lady | Memento | 40.00 |
| 7369 | Andrew Fleri Soler | Printer Repair | 65.00 |
| 7366 | Tino 2000 | Office Supplies | 26.60 |
| 7399 | Anthony Minuti | Grass Cutting | 68.71 |
| 7349 | Hal Mula Pharmacy | First Aid Box | 33.67 |
| 7348 | Amoroso Francesco | Roundabout repair and 2 Beach Railings | 1101.00 |
| 7377 | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Traffic Signs | 300.72 |
| 7376 | Vodafone | Telephone Expenses | 40.52 |
| 7378 | Ronald Bezzina | Collection of Carcass + Cleaning Wied il-Buni | 285.00 |
| 7388 | Go | Telephone Expenses | 402.13 |
| 7380/7359 | Grupp Armar tal-Festa | Prominade festoon + 2 Flags | 673.78 |
| 7375 | Alfred Schembri | Reinstatement of Boundary wall - Qajjenza | 708.00 |
| 7374 | ELC | Public Gardens - June 09 | 1147.92 |
| 7413 | New Era Waste Services | Street Cleaning - June 09 | 2275.88 |
| 7373 | Ronald & Chris Bezzina | Public Conveniences - June 09 | 1017.29 |
| 7414 | RVS Ltd. | Refuse Collection - July 09 | 6878.90 |
| 7381 | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning of Public Places - June 09 | 332.92 |
| 7415 | JM Installations | Cable replacment and light repairs | 8017.94 |
| 7401 | Toni Camilleri | Reimbursed Expenses | 15.00 |
| 7402 | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | 60.00 |
| 7400 | Michael Magro | Reimbursed Expenses | 60.00 |
| 7382 | Premium Water Co. Ltd. | Office Water Dispenser rent | 84.00 |
| 7367 | Francis Briffa | Repair to Notice Board | 45.00 |
| 7383 | Wasteserve Malta Ltd | Hire of Bins - May 09 & June 09 | 296.59 |
| 7350 - 3 | Salaries | Salaries June 2010 | 5096.64 |
| 7356 | Farrugia Joseph | Reimbursed Expenses | 146.60 |
| 7347 | Inland Revenue Dept | PAYE & NI - June 09 | 1456.20 |
| 7304 | Mary Jane Cutajar | Garage Rent | 524.11 |
| 7314 | Alexander Camilleri | Crane Service | 116.47 |
| 7346 | Renato Micallef | Fathers Day Entertainment | 140.00 |
| 7394 | Miller Distributors | Books for Bookfair | 35.51 |
| 7385 | Wise Owl Publication | Books for Bookfair | 637.54 |
| 7384 | Merlin Library Ltd | Books for Bookfair | 382.87 |
| 7372 | M.G Pulis | Grass Cutter supplies | 38.47 |
| 7371 | Duraprint Press | Stationery | 322.14 |
| 7386 | Asphaltar Ltd | Cold Mix | 4956.83 |
| 7396 | Plaza Hotel | Fathers Day Dinner | 1463.00 |
| 7370 | Scicluna Florist | Flowers | 138.00 |
| 7362 | Petty Cash | Petty Cash | 168.99 |
| 7358/4 | Chossey DVD | Stationery + Ink | 391.62 |
| 7355 | Maltapost plc | Stamps | 95.00 |
| 7387 | Mifsud Saviour | Prominade Mechanical Sweeping June 09 | 1151.50 |
| 7364 | Charlie Fenech | Tipper Truck June 09 | 1386.00 |
| 7390 | Access Point | External hard drive | 221.92 |
| 7393 | Nexos | Street Light Repair | 935.44 |
| 7389 | JJ Ironmongery | Hardware Supplies | 841.48 |
| 7391 | Southern Harbour | Expenses - June 09 | 81.60 |
| 7395 | Josef | Repairs to Pole - (galletta) | 30.00 |
| 7392 | Pauline Ellul | Office Cleaning | 114.00 |
| 7363 | Debattista Carmen | Library Opening June 09 | 78.26 |
| 7365 | Swallow Garage | Lifter service for day center - 6mths + 2 functions | 943.08 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | **Total Paid** | 45869.84 | |
| **Signature:** | **Date:** | **Resolution No:** | | |
| | | | | |